# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru 40**

**Cit. Nru. 757/95 GC**

**Carmelo sive Charles Attard u John Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Attard Brothers.**

**vs**

**Domenic Micallef u Raimonda sive Renee Micallef ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Micallef Enterprises Limited**

**Il-Qorti;**

**Is-sentenza appellata**

Fit-30 ta' Gunju, 1998 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi li biha cahdet it-talbiet tal-konvenuti kif kontenuti fil-kontrotalba taghhom.

“Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:-

Illi l-atturi nomine bieghu lill-konvenuti nomine diversi attrezzaturi in konnessjoni mal-gestjoni ta’ nightclub illi gew debitament konsenjati u installati, kif wkoll taw servizz ta’ installazzjoni fin-nightcub gestit mill-konvenuti u l-konvenuti wara li hallsu xi ammonti issa baqghalhom bilanc ta’ dsatax-il elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira, u tlieta u sebghin centezmu (apparti somma ohra koperta b’kambjali) liema bilanc huma ma hallsuhx nonostante diversi interpellazzjonijiet;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-attrici nomine is-somma ta’ Lm19,224.73c0 ghar-ragunijiet indikati;

Bl-ispejjez komprizi tal-ittra interpellatorja tal-1 ta’ Settembru, 1994 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenuti nomine illi gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-makkinarju u l-attrezzi mibjugha mill-attur lill-konvenuti huma difettuzi u ma ntuzawx u ma humiex qed jintuzaw mis-socjeta’ konvenuta;

Ma’ l-imsemmija nota ta’ eccezzjonijiet il-konvenuti nomine ccitaw lill-atturi nomine in via rikonvenzjonali bil-mod li gej:-

1. Peress illi l-esponenti xtara minghand is-socjeta’ attrici l-attrezzi msemmija minnu fic-citazzjoni flimkien ma’ makkinarju u attrezzi ohra u dan sabiex jintuzaw fin-nightclub tas-socjeta’ konvenuta;

2. U peress illi rrizulta li numru sostanzjali mill-istess makkinarju u attrezzi kienu difettuzi u kull meta l-konvenut kellem lill-atturi kienu jaccettaw li l-istess kienu difettuzi pero’ qatt ma haduhom lura;

3. U peress li n-nuqqas da parte tal-atturi kkawza danni lis-socjeta' konvenuta, konsistenti f'nuqqas ta' introjtu u f'xiri ta' makkinarju iehor, li ghalihom l-atturi huma responsabbli stante li l-makkinarju u l-attrezzi minnha mixtrija minghand is-socjeta' attrici jew almenu parti sotanzjali minnu mhux tajjeb ghall-iskop intiz;

Talbu ghalhekk il-konvenuti nomine li l-atturi jghidu ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-atturi nomine ma esegwiex l-inkarigu lilu fdat billi bieghu u ikkonsenjaw lis-socjeta' konvenuta makkinarju difettuz mhux tajjeb ghall-iskop li nxtara u konsegwentement l-attur naqas fid-doveri tieghu versu s-socjeta' konvenuta;

2. Jigu kkundannati jiehdu lura dak il-makkinarju li jirrizulta difettuz u konsegwentement jirrifondi lis-socjeta' konvenuta dik is-somma li tirrizulta hekk dovuta;

3. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni subiti mis-socjeta' konvenuta, jekk hemm bzonn permezz tan-nomina ta' periti;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut jekk hemm bzonn l-opera ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuti dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut fejn giet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjonijiet li qed jipproponi l-konvenut, cioe' ta' sentejn ghal dik ghad-danni (art. 2153 tal-Kodici Civili) u ta' sitt xhur ghal dik redibitorja (art. 1431); illi f'kull kaz il-konvenut ma jistax jipproponi z-zewg azzjonijiet imsemmija kontestwalment, illi assolutament mhux minnu li l-oggetti mibjugha kienu difettuzi tant li l-konvenut kien u (safejn jafu l-esponenti) ghadu qed jaghmel uzu minnhom u illi ghalhekk huwa ma jistax izomm l-oggetti imsemmija u jippretendi li ma jhallasx taghhom semmai kienu difettuzi kellu jiddepositahom taht l-awtorita' tal-Qorti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 1998 minn fejn jirrizulta illi din il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-atturi ghar-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuti;

Ikkonsidrat:-

Il-konvenuti pprevalew ruhhom minn dawn il-proceduri sabiex ghamlu kontro-talba kontra l-atturi. F'din il-kontro-talba l-konvenuti qed isostnu li parti mill-apparat akkwistat minnhom minghand l-atturi huwa difettuz u mhux tajjeb ghall-iskop intiz. L-apparat in kwistjoni huwa "sound system" adibit sabiex jintuza f'ambjenti gestiti bhala "nightclub" jew diskoteka. Il-konvenuti sostnew li l-atturi ghalkemm kienu jafu b'dawn id-difetti naqsu li jiehdu lura l-istess apparat. Il-konvenuti jsostnu li dan in-nuqqas da parti tal-atturi kkawzalhom danni, konsistenti f'nuqqas ta' introjtu u f'xiri ta' apparat iehor. Ghalhekk il-konvenuti talbu li l-atturi jigu dikjarati responsabbli ghad-danni relattivi;

L-atturi da parti taghhom eccipew li l-azzjoni tal-konvenuti hi preskritta. L-atturi qed isostnu li t-talba tal-konvenuti ghad-danni hi preskritta b'gheluq ta' sentejn a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili filwaqt li t-talba sabiex jigi rexiss il-bejgh ghar-rigward tal-apparat difettuz hi preskritta bl-gheluq ta' sitt xhur a bazi tal-artikolu 1431 tal-istess Kodici Civili;

Jirrizulta illi l-apparat in kwistjoni nbiegh u gie installat fl-imsemmija ambjenti tal-konvenuti f'Jannar tal-1993. L-azzjoni tal-konvenuti giet intavolata fid-19 ta' April 1996, cioe' aktar minn tlett (3) snin wara l-konsenja u l-istallazzjoni tal-istess apparat;

L-imsemmija zewg artikoli tal-Kodici Civili huma applikabbli f'dan il-kaz. Ma jirrizultax li kien hemm xi interruzzjoni fit-termini li trid il-ligi ghar-rigward tal-perjodu tal-preskrizzjoni kif indikat fl-imsemmija zewg artikoli. Ma jirrizultax li saret xi interpellazzjoni ufficjali u lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi ammissjoni da parti tal-atturi li l-apparat jew parti minnu kien difettuz. L-atturi qatt ma ammettew li l-apparat kien difettuz. In effett jidher illi l-konvenuti lmentaw dwar xi difetti biss ftit taz-zmien qabel ma nbdew il-proceduri. Meta saru dawn l-ilmenti l-atturi sostnew li jekk kien

hemm xi parti mill-apparat li kien difettuz huma kienu lesti li jirrimpjazzaw l-istess parti;

Jirrizulta ghalhekk illi l-azzjoni intentata mill-konvenuti bil-kontro-talba taghhom hi kollha kemm hu preskritta. Konsegwentement l-eccezzjoni in kwistjoni kif sollevata mill-atturi ghandha tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar l-eccezzjoni preliminari tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti billi tiddikjara l-azzjoni tal-konvenuti bhala preskritta ai termini tal-imsemmija zewg artikoli tal-Kodici Civili u konsegwentement tichad it-talbiet tal-konvenuti kif kontenuti fl-istess kontro-talba taghhom;

Spejjez kontra l-konvenuti."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din is-sentenza hi biss f'certu sens sentenza in parte in kwantu ddefiniet il-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta. Sentenza in parte li minnha l-istess socjeta' appellat wara li ottjeniet awtorizazzjoni tal-Prim'Awla sabiex jigu awtorizzati jappellaw minnha qabel is-sentenza definittiva, liema talba giet degretata fis-27 ta' Marzu, 2000. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi ma kienx jirrizulta li kien hemm xi interruzzjoni tat-termini preskrittivi kemm fir-rigward ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili li jiddegreta preskrizzjoni ta' sentejn ghal azzjonijiet ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kif ukoll fir-rigward ta' l-artikolu 1431 li jiddegreta perjodu preskrittiv ta' sitt xhur ghal azzjonijiet ghar-rexissjoni ta' bejgh minhabba difett latenti fil-kaz ta' trasferiment ta' mobbli.

L-Ewwel Qorti rriteniet illi ma kienx jirrizulta li saret xi interpellazzjoni ufficjali biex tinterrompi d-dekorriment tal-perjodi preskrittivi – dan mhux kontestat mis-socjeta' appellanti – lanqas ma kien jirrizulta li kien hemm xi ammissjoni da parti ta' l-atturi li l-apparat jew xi parti minnu kien difettuz. Il-provi kienu juru illi l-konvenuti kienu bdew jilmentaw dwar xi difett ftit ta' zmien qabel ma nbdew il-proceduri taht ezami u meta saru dawn l-ilmenti, l-atturi sostnew li "jekk kien hemm xi parti mill-apparat li kien difettuz, huma kienu lesti li jirrimpjazzaw l-istess parti". Is-socjeta' appellanti tissottometti illi jidher allura li l-Ewwel Qorti ma kenitx tat kaz u piz lid-deposizzjoni ta' l-avukati tas-socjeta' konvenuta li kienet cara u univoka fis-sens illi l-atturi, waqt l-inkontri li saru, kienu ddikjaraw li kienu preparati li jiehdu lura l-istess apparat u li jakkreditaw lis-socjeta' bil-valur tieghu. Una volta li dwar dan il-fatt ma jidher li kien hemm l-ebda kontestazzjoni da parti ta' l-istess atturi, ma jistghax jinghad kif sostniet l-Ewwel Qorti illi "dan qatt ma jirrizulta li kien hemm xi ammissjoni da parti ta' l-atturi li l-apparat jew parti minnu kien difettuz". Is-socjeta' appellanti tissottometti illi "hu ovvju ghalhekk illi la l-atturi qatt ma qalu li l-apparat ma kienx difettuz izda kienu lesti li <u>jekk kien difettuz</u> (sottolinejar ta' din il-Qorti) kienu lesti li johduh lura u la darba kien hemm anke suggeriment li jitqabbad perit tekniku sabiex jezamina dan l-apparat, isegwi li l-atturi, almenu implicitament, kienu qeghdin jaccettaw li kien hemm il-possibilita' li l-apparat kien difettuz ……. L-atturi kienu

qeghdin jaccettaw li seta' kien hemm xi difett fl-apparat u huma ta' negozjanti serji kienu lesti li johduh lura".

Is-socjeta' appellanti allura tissottometti li una volta kien hemm din l-ammissjoni u dana sa ftit granet qabel ma giet istitwita l-kawza, ma setghux l-istess atturi jeccepixxu b'success l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan l-aggravju hu ribattut mill-atturi nomine li jaffermaw illi huma fl-ebda hin ma ammettew li kien hemm xi hsarat fil-makkinarju in kwistjoni. Il-laqgha li saret qabel il-kawza kienet saret bl-iskop evidenti li tigi tranzatta l-vertenza izda dan dejjem bla pregudizzju ghall-posizzjoni li kienu hadu l-partijiet kif del resto dejjem jigri f'cirkostanzi simili. Huma jissottomettu inoltre illi kienu ppropronew f'dik il-laqgha li l-konvenut ihallas il-prezz tal-partijiet li fuqhom ma kienx hemm kwistjoni izda dan irrifjuta li jaghmel dan u kwindi l-laqgha waqfet hemm. Konsegwentement ma saret ebda interruzzjoni univoka tal-preskrizzjoni kif tirrikjedi l-ligi.

Il-Qorti tikkonsidra li gie ritenut minn dawn il-qrati illi:-

"Ghalhekk il-kors ta' dak iz-zmien (preskrittiv ta' l-azzjoni) ma jistghax jigi sospiz jew interrott minn ebda wahda mill-kawzi li ghandhom il-virtu' li jissospendu jew jinterrompu l-preskrizzjoni eccettwata biss id-domanda gudizjali proposta quddiem l-awtorita'. Id-denunzja tal-vizzju lill-venditur, anke ufficjalment, ma tiswiex biex izzomm l-azzjoni u lanqas ma jiswew it-trattativi, li waqt li jkun ghaddej iz-zmien, ikunu bdew bejn

il-kontraenti biex jirrizolvu d-diffikultajiet li jkunu qamu ammenoche' bhala effett u fil-kors ta' l-istess trattattivi l-venditur ma jkunx spicca biex irrikonoxxa u ammetta l-ezistenza tal-vizzju u l-konsegwenti legittimita' tar-reklam u akkonsenta per ezempju li jiehu lura l-haga jew jaghmlilha r-riparazzjonijiet okkorrenti".

Ir-rikonoxximent tad-difett mill-venditur kellu mbaghad isir fiz-zmien tal-preskrizzjoni stabbilita ghall-azzjoni redibitorja, f'dan il-kaz dik ta' sitt xhur, "biex tonqos ir-raguni u il-materja ta' dekadenza minhabba l-konfessjoni tal-venditur tal-esistenza u pre-ezistenza tal-vizzju jehtieg li dik il-konfessjoni tkun saret fit-terminu jigifieri fi zmien utili. F'kaz ta' konfessjoni wara dak iz-zmien jista' forsi l-kompratur ikollu xi azzjoni ohra kontra l-venditur imma le dik redibitorja". (Vol XLIV.iii.776)

Gie wkoll hafna drabi ritenut illi n-negozjati li jsiru bejn il-partijiet kontraenti biex jittantaw jirrizolvu l-kwistjoni dwar l-ezistenza ta' difetti fiz-zmien statutorju li fih ikun jiddekorri l-perjodu preskrittiv, ma kienux jinterrompu d-dekorriment ta' l-istess terminu sakemm fil-kors ta' dawk in-negozjati fl-istess zmien li l-venditur ma jkunx irrikonoxxa d-difetti u ma jkunx ikkontestahom.

"Lanqas it-trattattivi li jista' jkun hemm bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekors taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwistjoni ma jista' jkollhom l-effikaca interruttiva ammenoche' bhala effett u fil-kors ta' dawk it-trattattivi u filwaqt li jkun ghaddej iz-zmien, il-venditur ma jkunx

irrikonoxxa u ma jkunx ma kkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju." (Vol. XXXVIII.iii.723, Vol. XX.i.316, Vol. XVII.iii.79, Vol XXI.iii.126)

"U allura biex l-attur ikun jista' jsostniha (l-allegata interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv) hu jkollu jipprova illi huwa fiz-zmien utili informa bil-vizzju tal-haga lill-konvenut u dana f'dak iz-zmien ipprometta li jehodha lura jew almenu rrikonoxxa u ma kkuntrastax il-vizzju."

Inoltre hu ormai stabbilit illi r-rikonoxximent ta' kull debitu, inkluz allura ta' l-ezistenza ta' l-allegat difett, kellu jkun car u esplicitu.

"Huwa risaput illi r-rikonoxximent ta' l-azzjoni redibitorja irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat." (Vol. XXXVIII.iii.723)

Hu inoltre pacifiku li l-azzjoni redibitorja kellu jipproponiha l-kompratur. Issa certament hu jista' wkoll jaghmel uzu mill-vantagg procedurali tal-kontrotalba billi jipproponi l-azzjoni tieghu b'din il-forma basta pero' dan jaghmlu fiz-zmien statutorju li fih kellu jagixxi a bazi tad-difett latenti. Fil-kaz taht ezami allura, l-ezercizzju tad-dritt tas-socjeta' appellanti li tipproponi l-azzjoni taghha bazata fuq id-difett mohbi permezz ta' kontrotalba ghat-talba attrici, kien wiehed perfettament legittimu purche' dan id-dritt jigi ezercitat fl-istess termini stabbiliti fil-Kodici Civili ghall-ezercizzju ta' l-istess azzjoni per via di citazione.

Issa jirrizulta mill-provi illi kull ilment li kellha s-socjeta' appellanti kien sodisfatt sa Jannar 1993, sa liema data kienu gew sodisfatti t-talbiet

kollha tas-socjeta' appellanti fir-rigward tal-funzjonament ta' l-apparat. Effettivament l-attur John Attard, meta xehed, qal illi minn dik id-data "ma kien hemm l-ebda ilment da parti tal-konvenuti dwar l-apparat li bieghnilhom u installajnilhom u l-ewwel darba li jien smajt xi haga dwar dawn il-ilmenti kien meta ircevejna l-kontrotalba. Niftakar pero' li kien hemm laqgha qabel ma saret il-kawza fejn kien hemm il-partijiet u l-avukati taghna prezenti. Ghandi nghid ukoll li matul dik il-laqgha l-konvenuti ghamlu xi ilmenti dwar l-apparat ……….. Dawn l-ilmenti f'dik il-laqgha ahna konna ghidnilhom lill-konvenuti illi jekk kien hemm bzonn li jsir xi setting, ahna konna lesti li naghmluh." Kjarament allura kien ghadda abbondantament it-terminu preskrittiv ta' l-azzjoni fir-rigward ta' l-azzjoni redibitorja mill-konsenja ta' l-oggett mibjugh sal-mument meta gie avanzat l-ilment dwar id-difett mohbi.

Konsidrat l-insenjament gurisprudenzjali fuq registrat, jidher li anke indipendentement mill-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-fatti u tal-provi migbura li din ma jidhrilhiex il-Qorti li hu l-kaz li tissindika jew tiddisturba, hemm bizzejjed bazi legali biex l-aggravju tas-socjeta' appellanti jigi respint. Din il-Qorti ma tarax kif fic-cirkostanzi s-socjeta' appellanti tista' tibqa' tinsisti fuq il-kontrotalba taghha bazata fuq id-difett mohbi. Dana apparti konsiderazzjonijiet ohra ta' dritt li huma evidenti u li ma gewx senjalati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghaliex jidher illi ma gewx sottomessi ghall-konsiderazzjoni taghha.

Fir-rigward ta' l-apprezzament tal-provi, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tistrieh fuq dak illi qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Tinnota biss li hemm konflitt car u apparenti bejn il-verzjonijiet moghtija anke mil-legali tal-kontendenti dwar l-estensjoni ta' dak li kienet ippreparata li taccetta s-socjeta' appellata f'kaz li jirrizulta li kien hemm xi apparat difettuz. Il-kondizzjonali hu ndikattiv illi s-socjeta' appellata ma kenitx preparata illi takkomoda lis-socjeta' appellanti jekk dan id-difett ma jirrizultax provat. Fatt dan li ma gie qatt verifikat. Konsegwentement l-incertezza tal-provi anke f'dan ir-rigward kellu jimmilita favur is-socjeta' appellata ghaliex jattakka proprju dik l-univocita' u kjarezza mehtiega biex tigi assigurata l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi dedotti mill-Ewwel Qorti, is-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell rigettat bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti. L-atti qed jigu rimessi lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

cb